# SECONDARY SCHOOLS ANNUAL EXAMINATIONS 2000

Educational Assessment Unit - Education Division

| FORM 1 | HISTORY | ĦIN: Siegħa u nofs |
|---|---|---|

1. Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Annibale | Post sagru taħt l-art | |
| 2 | Koran | Banjijiet Rumani | |
| 3 | Kostantinopli | Kull xorta ta' fdal | |
| 4 | Katakombi | Qabel il-Kitba | |
| 5 | In-nawfraġju | Kapitali ta' l-Imperu Biżantin | |
| 6 | Għajn Tuffieħa | b'Ħaġar kbir | |
| 7 | Fenici | Ġeneral Kartaġiniż | |
| 8 | Pre-Istorja | Islam | |
| 9 | Megalitiku | Miġja ta' San Pawl f'Malta | |
| 10 | Evidenza | Negozjanti / Baħħara | |

(10 marka)

2. Imla l-vojt bil-kliem jew frażijiet li ġejjin:
L-Ipoġew ta' Hal Saflieni; Egħmejjel l-Appostli; Għar Dalam; il-Feniċi; l-Kristjaneżmu; annimali, Kartaġiniżi; żmien il-Bronż; piramidi; Gwerra Punika.

2.1 ______________________huwa prova ċara li f'xi żmien Malta kienet magħquda ma' Sqallija.

2.2 In-nies ta' ______________________ ma bnewx imqades megalitiċi.

2.3 ______________________huwa maqdes imħaffer taħt l-art.

2.4 In-nies ta' żmien ir-Ram kienu joffru ______________________ lill-alla tal-fertilita' ħalli jonorawha.

2.5 Il-pre-istorja f'Malta spiċċat meta ġew ______________________.

2.6 Il-poplu Eġizzjan bena ______________________ sbieħ li għadhom jeżistu sallum.

2.7 Iċ-Ċippus huwa fdal importanti ħafna tal-______________________.

2.8 Kien fi żmien it-tieni ______________________ li r-Rumani ħadu lil Malta.

2.9 Meta San Pawl ġie Malta huwa pprietka ______________________ lill-Maltin.

2.10 Il-miġja ta' San pawl f' Malta nistgħu naqrawha fil-ktieb ____________________.

(20 marka)

3.



(Sors 1) Din il-ġebla ta' żmien pre-istoriku nstabet f' Buġibba.

3.1 X'hemm imnaqqax fuq il-ġebla? ________________________________

3.2 X'turi l-ġebla dwar is-sengħa ta' min għamilha?

__________________________________________________________

3.3 X'tikkonkludi dwar id-dieta (l-ikel) ta' dawn in-nies?

__________________________________________________________

3.4 Għaliex kien faċli jsibu ikel bħal dak ta' fuq il-ġebla?

__________________________________________________________

3.5 Għaliex kien aktar faċli jsibu ikel bħal dak ta' fuq l-istampa dak iż-żmien milli llum?

_____________________________________________________

__________________________________________________________

3.6 Agħti raġuni għala taħseb li xi ħadd għamel dik il-ġebla.

__________________________________________________________

(12 -il marka)

---

4.



Xena bħal ta' l-istampa (sors 2) kienet komuni fi żmien pre-istoriku.

(Sors 2)

4.1 X'inhu jagħmel ir-raġel ta' l-istampa?

__________________________________________________________

4.2 Minn xiex hija magħmula l-għodda li qed juża?

__________________________________________________________

4.3 Taħseb li kien faċli jew tqil ix-xogħol ta' dak ir-raġel? __________________

Għaliex taħseb hekk? __________________________________________

4.4 X'hemm differenti fl-użu ta' għodda bejn ix-xogħol tar-raġel f'sors 2 u ħaddiem tallum? ____________________________________________

4.5 X'tara komuni (jiġifieri li jixxiebah) bejn ix-xogħol tar-raġel f'sors 2 u l-ġebla ta' sors 1? ____________________________________________

(10 marki)

---

5. Fil kaxex li ġejjin pinġi tnejn minn dawn:

(a) daħla ta' Maqdes Megalitiku (b) dolmen (ċ) menhir (d) iċ-Ċippus

(e) musbieħ (f) suldat Ruman (ġ) minaret.

Ikteb taħt l-istampa dak li pinġejt

| | |
|---|---|
| | |

(8 marki)

---

6. Aqra, aħseb u wieġeb:

6.1 Int kont tgħix f'Malta fi żmien ir-Ram.

Lil min kont tadura? ____________________________________________

X'annimali kellkom? ____________________________________________

6.2 Int kont tgħix f'Malta fi żmien il-Feniċi

Tara xini tagħhom riesaq lejn l-art. X'kont tagħmel?

____________________________________________

____________________________________________

6.3 Int kont tgħix f'Malta fi żmien ir-Rumani. X'ħassejt meta smajt li Kajjus Verres ġie mixli quddiem is-Senat Ruman?

________________________________________________________________

________________________________________________________________

6.4 Int kont tgħix f'Għawdex qrib ir-Ramla l-Ħamra fi żmien ir-Rumani. X'tip ta' bini kont tara? Għal xiex kien jintuża?

________________________________________________________________

________________________________________________________________

6.5 Int kont tgħix f'Malta qrib il-katakombi ta' San Pawl (fir-Rabat). Għaliex minn dawk l-inħawi kont ta' spiss tara nies għaddejjin jibku?

________________________________________________________________

________________________________________________________________

(20 marka)

---

7. Agħżel 7.1 jew 7.2 jew 7.3 jew 7.4. Wieġeb fit-tul fuq karta separata.

7.1 Immaġina li inti tgħix f' Malta jew f'Għawdex fi żmien it-tempji. Xi kwalita' ta' ħajja tgħaddi?

7.2 Agħżel xi post storiku jew arkeoloġiku li mort fiħ din is-sena. Ikteb dwar l-importanza tiegħu, xi stat jinsab fih u x'jista' jsir biex inżommuh fi stat tajjeb.

7.3 Ikteb dwar iċ-ċivilta' ta' l-Eġizzjani.

7.4 Ikteb dwar iċ-ċivilta' ta' l-Għarab.

(20 marka)

---